**Il-Ħamis 19 ta' April 2012**

## Ftehim Volontarju ta' Sħubija bejn l-UE u r-Repubblika Ċentru-Afrikana dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, governanza u kummerċ tal-injam u l-prodotti magħmulin minnu fl-UE (FLEGT) *

P7_TA(2012)0131

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' April 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' ftehim volontarju dwar sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Ċentru-Afrikana għall-Infurzar tal-Liġi tal-Foresti, governanza u kummerċ tal-injam u l-prodotti magħmulin minnu fl-Unjoni Ewropea (FLEGT) (14034/2011 – C7-0046 /2012 – 2011/0127(NLE))**

(2013/C 258 E/21)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (14034/2011),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Ċentru-Afrikana dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, governanza u kummerċ tal-injam u l-prodotti magħmulin minnu fl-Unjoni Ewropea (FLEGT) (14036/2011),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni mressqa mill-Kunsill b'konformità mal-Artikolu 207(3) u (4) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), u l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0046/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0082/2012),

1. Japprova l-konklużjoni tal-Ftehim;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta regolarment lill-Parlament dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija Volontarji (VPAs) u fin-negozjati u l-implimentazzjoni ta' Ftehimiet ta' Sħubija Volontarji ġodda.

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika Ċentru Afrikana.

---

## Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-UE u l-Liberja dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea *

P7_TA(2012)0132

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' April 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Liberja dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea (11104/2011 – C7-0241/2011 – 2011/0160(NLE))**

(2013/C 258 E/22)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

**Il-Ħamis 19 ta' April 2012**

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (11104/2011),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Liberja dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea (11101/2011),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni mressqa mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 207(3) u (4) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), u l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0241/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0081/2012),

1. Japprova l-konklużjoni tal-Ftehim;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta regolarment lill-Parlament dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija Volontarji (VPAs) u fin-negozjati u l-implimentazzjoni ta' Ftehimiet ta' Sħubija Volontarji ġodda.

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Liberja.

## Kondiviżjoni tar-riskju għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom ***I

P7_TA(2012)0133

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' April 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-kondiviżjoni tar-riskju għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom (COM(2011)0655 – C7-0350/2011 – 2011/0283(COD))**

(2013/C 258 E/23)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0655),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 177 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0350/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-8 ta' Diċembru 2011 [1],

— wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,

(1) ĠU C 43, 15.2.2012, p. 13.